MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## MAGISTRAT DR. FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 301/2012

Richard **Cachia Caruana**

**(ID 139255M)**

**vs**

**Joseph Grima**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 11 ta' Settembru 2012 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghall kummenti ppubblikat mill-konvenut fuq il "Facebook" account tieghu fid 29 u 30 ta' Awissu 2012, talab lill-Qorti tiddikjara tali kummenti bhala libelluzi fil-konfront tieghu peress illi jikkontjeni alegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent u ghandhom bhala skop dak li jtellfu jew jnaqqsu r-reputazzjoni tieghu. Huwa ghalhekk talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallsu danni.

Rat il-kummenti li dwaru r-rikorrent kien qieghed jilmenta, liema kummenti irrappurtati ezatt kif kienu miktuba kienu s-segwenti:

> *"il villsa ta RCC fil belt gal bejgh ta 5 miljun ewro. Jiftahar li hija billa bil pool u li tieghu biss seta jkollha permess ghall pool. Mela le Rich il Puff. GHalm niex bhalek tiswa l pollitka. Salarju fenomenali vvintat minn Gonzi, eluf ta Liri ghax qala daqqa ta sikkina minn nazzjonalist bhalu u izjed minnu, konsulent imhallas bil belli liri minn fuq daharna. x'Ma jghamilx villas bil pool u bil permess esklussiv. Gawdi Rich sa kemm jibaqghlek zmien."* - 29 ta' Awwisu 2012

> *"ipokriti mmexxija minn Richard Cachia Caruana, imkercci mill Parlament Malti ghax ghamel lilu nniffsu Alla ta Malta fuq kullhadd. RCC Mhu xejn hlief prodott Nazzjonalista li tant ghamel flus li qed ibiegh id dar tieghi il belt ghal 5 miljun ewro. Kemm il haddeim li ghex taht in nazzjonaistil ghal dawn l'ahhar 25 sena ghandu dat li tiswa 5 iljun ewro. Bravu RCC. Ghaqqadthom."* - 30 ta' Awwissu 2012

Rat ir-risposta ta' Joseph Grima ippresentata fl 24 ta' Ottubru 2012 fejn, filwaqt illi iddikjara li l-attur kellu jipprova li huwa l-awtur tad-dikjarazzjonijiet li qed jilmenta dwarhom, huwa sahaq illi l-kitbiet ma humiex malafamanti peress illi jirrapprezentaw il-verita tal-fatti, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u jikkonsistu f''fair comment'. L-intimat sahaq ukoll illi r-rikorrent huwa persuna pubblika, imdahhla fil-hajja politika, u kwindi espost ghal kritika aktar minn persuni li mhumiex fil-politika.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Richard Cachia Caruana** moghtija fil 15 ta' April 2013.

Rat illi fil 15 ta' Novembru 2013, wara diversi tentattivi da parte tar-rikorrent sabiex iharrek lill-intimat parti fil-kawza sabiex jixhed, liema tahrikiet kienu lkoll rizultanti negattivi, ir-rikorrent ippresenta kapitolu fil-konfront ta' l-intimat sabiex jirrispondi ghal domandi illi l-intimati huwa l-awtur tal-pubblikazzjoni mierut tal-kawza odjerna.

Rat illi fit 22 ta' Novembru 2013, dehru il-konsulenti legali ta' l-intimati illi gharrfu lill-Qorti li kienu ser jirrispondu ghal tali talba permezz ta' nota, u ghalhekk il-kapitolu gie irtirat.

Rat illi fid 9 ta' Dicembru 2013, wara illi l-intimat naqas milli jippresenta in-nota li obbligaw li jippresentaw il-legali tieghu, ir-rikorrent regghha ippresenta kapitolu fil-konfront ta' l-intimat sabiex jirrispondi ghal domandi illi l-intimati huwa l-awtur tal-pubblikazzjoni mierut tal-kawza odjerna.

Rat illi fis 16 ta' Dicembru 2013, wara illi l-intimat u l-konsulenti legali tieghu, imsejjhin diversi drabi, ma dehrux, il-kapitolu in subizzjoni fejn l-intimat gie mistoqsi jiddikjara jekk huwiex l-awtur ta' l-artikoli meritu tal-kawza odjerna gew meqjusa bhala mistqarra a tenur ta' l-Artikolu 702 (3) (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis 16 ta' Dicembru 2013 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellu ebda provi ohra x'jippresenta u l-kawza giet differita ghal provi intimati.

Rat illi fil 21 ta' Frar 2014, l-intimat presenti iddikjara illi ma kellu ebda provi x'jippresenta.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet illi saret fil 21 ta' Frar 2014, wara liema data il-kawza giet differita ghallum.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi kollha prodotti mir-rikorrent, peress illi l-intimat ghazel illi ma jressaq ebda prova fil-kawza odjerna, jirrizulta illi fuq is-sit elettroniku ossija 'social network' li jismu 'Facebook', l-intimat ghandu pagna tieghu fejn hemm ir-ritratt tieghu u hemm ismu hdejn tali ritratti. Jirrizulta wkoll illi, fid 29 u 30 ta' Awissu 2012, kif xehed dwaru r-rikorrent u kif gie ammess mill-intimat permezz ta' kapitolu ippresentat fil-konfront tieghu u minnu ammess bl-assenza tieghu ghas-smigh meta kellu jidher in subizzjoni biex jirrispondi ghal tali kapitolu, l-intimat ghamel zewgt 'posts' fuq il-pagna tieghu tas-sit elettroniku 'Facebook', fejn huwa ghamel insinwazzjonijet fil-konfront tar-rikorrent, liema insinwazzjonijiet jidhru fid-dettal aktar 'l fuq.

Jirrizulta wkoll illi, fiz-zmien meta l-intimat ghamel iz-zewgt ‘posts’ tieghu, ftit gimghat qabel, deheret fuq magazine ta’ propjeta ghal bejgh li jismu ‘Exclusive Properties’, propjeta ghal bejgh gewwa l-Imdina ghal valur ta’ hames miljun u mitejn Euro, liema propjeta jidher, fost affarjiet ohra, illi ghadnha pool kif ukoll veduta minn fuq is-swar ta’ l-Mdina (pagna 11 tal-magazine esebit a fol 14 tal-process).

Jirrizulta illi, kemm mix-xhieda tar-rikorrent, kif mill-posts esebiti mill-istess rikorrent illi saru mill-intimat, li ir-rikorrent qieghed jilmenta dwar l-allegazzjoni illi ghamel l-intimat illi huwa kien qieghed ibiegh id-dar tieghu ghal madwar hames miljun Euro, liema dar tieghu kellha pool. Ir-rikorrent insista illi huwa ghandu dar gewwa l-Mdina, liema dar hija dar antika illi fiha ghandu jkoll pool, izda tali dar ma hijiex ghal bejgh ghal hames miljun Euro kif allega l-intimat u, wisq anqas, ma kienetx id-dar illi kienet tidher ghal bejgh ghal hames miljun Euro gewwa pubblikazzjoni ili kienet dehret ftit qabel fuq magazine lokali.

**Ikkunsidrat**

Illi, id-difiza imressqa mill-itnimat, li ghaliha huwa ma ressaq ebda provi huma, principlament tnejn - wahda hija li kellha tigi ppruvata ili huwa l-awtur tad-dikarazzjonjiet u l-ohra illi tali pubblikazzjonijiet ma humiex malafamanti peress illi huma fair comment ibbazati fuq il-verita tal-fatti fuq persuna illi ghandu jitqies bhala persuna pubblika.

Ikun ghalhekk opportun ili jikkunsidra tali difizi separatament.

**Ikkunsidrat**

Dwar id-difiza illi irid jigi ppruvat li huwa kien l-awtur tal-kummenti, ghandu jinghad illi gie ippresentat kapitolu fil-konfront ta’ l-intimat precizament fuq tali prova u l-intimat, ghalkemm kellu kull oportunita’ illi jitla quddiem dina l-Qorti sabiex jichad in subizzjoni l-allegazzjonijet li huwa kien l-awtur tal-posts meritu tal-kawza odjerna, ma deherx il-Qorti sabiex jaghmel dan. Jinghad ukoll illi sussegwentement l-intimat deher il-Qorti u bl-ebda mod ma indika illi huwa kien qieghed jichad li kien l-awtur, peress illi ghazel illi ma jixhidx.

Apparti minn dan, il-Qorti ma ghandha assolutament ebda dubju illi l-intimat kien responsabbli ghal dak illi inkiteb fuq il-profil tieghu tal-Facebook fid 29 u 30 ta’ Awissu 2012. Dana qieghed jinghad ghax, l-ewwel u qabel kollox, fi-profil jidher isem u kunjom l-itnimat kif ukoll ritratt tieghu hdejn l-istess isem. Apparti minn hekk, jekk wiehed ihares lejn il-kummenti xejn dignituzi fil-konfront tar-rikorrent illi saru minn terzi persuni, maghrufa bhala “friends” ta’ l-intimat, wara il-‘post’ li ghamel l-intimat, jidher ili diversi minnhom jindirizzaw lill-intimat direttament, b’mod illi jidher car illi anke dawna l-persuini kienu a konoxxjenza tal-fatt illi l’post’ in kwistjoni inkitbet mill-intimat illi issa, quddiem il-Qorti, qieghed jiprpova jghid li mhux hu kitibha.

Finalment, kieku kien attwalment minnu illi tali ‘posts’ ma inkitbux minnu, certament l-intimat kien jesebixxi ‘post’ ulterjuri tieghu fejn pubblikament jiddisassocja ruhhu ma dak illi kien inkiteb u certament kien fid-dover illi jirrapporta tali fatt lill-Pulizija sabexi jinvestigaw tali kaz ta’ allegat manomessjoni tas-sit elettroniku tieghu - xejn minn dan ma gie prodot mill-intimat, li hija indikazzjoni cara ghal dina l-Qorti illi kien hu l-persuna illi attwalment ippubblikat dawk il ‘posts’ bl-allegazzjonjiet fil-konfront tar-rikorrent. del resto, il-Qorti

tinnota illi fil-kamp civili, il-prova trid tkun fuq bazi ta' probabbilta' u mhux ta' certezza assoluta, u tali prova treeqet, kemm mid-dokumentazzjoni esebita kif ukoll, mill-kapitolu aghmul fil-konfront ta' l-intimat illi tieghu naqas milli jidher biex jirrispondi.

Ghalhekk, tali difiza ma tergix.

**Ikkunsidrat**

It-tieni difiza imressqa mill-intimat kien illi tali kummenti kienu l-verita' tal-fatti u jikkonsistu f'fair comment fuq persuna li kienet persuna pubblika ghax involuta fil-hajja politika.

Dawna t-tlett elementi fi hdan dina difiza jisthoqqilhom illi jigu mistharrga sabiex jigi kkunsidrat jekk jissusistux bhala difiza jew le.

L-ewwel u qabel kollox, jigi rilveta minn dina l-qorti illi d-difiza donna qieghda jaghmel referenza ghal zewgt difizi illi, flimkien ma humiex daqstant kompatibbli, ossija dik ta' 'verita' tal-fatti' u dik ta' 'fair comment'.

kif jinghad f'**Gatley on Libel and Slander** :

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and* ***not*** *a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern.*

Allura, ma huwiex possibbli illi l-intimat iqajjem id-difiza tal-'fair comment' meta fl-istess nifs huwa jghid illi li kien qieghed jaghmel kien li qed jghid il-verita tal-fatti kif attwalment kienu, jigifieri kien 'statement of fact'.

Madanakollu, tenut kont tal-fatt illi hija t-tieni eccezzjoni li titkellem dwar id-difza tal-'verita' tal-fatti', filwaqt illi l-eccezzjonijiet tal-'fair comment' hija attwalment il-hames u l-ahhar eccezzjoni, il-Qorti tifhem li d-difiza principali ta' l-intimat hija dik ta' verita tal-fatti.

Sabiex tali difiza tal-verita' tal-fatti tirnexxi, kellha tingieb prova illi l-allegazzjonijiet illi kien qieghed jaghmel l-intimat kienu attwalment minnhom. Tali allegazzjonijet kienu illi "*il-villa ta' RCC fil belt gal bejgh ta' 5 miljun ewro*".

Mill-provi prodotti jirrizulta illi, l-ewwel u qbale kollox, r-rikorrent ma ghandu ebda dar gewwa il-Belt Valletta kif donnu qieghed jimplika l-intimat, izda ghandu dar gewwa l-Mdina. Apparti minn hekk, minn imkien ma jirrizulta ilil d-dar tar-rikorrent kienet ghal bejgh u ghal valur ta' hames milju Euro kif allega l-intimat.

Illi tali allegazzjoni, mehudha wahdeha, ma tistax titqies bhala malafamanti izda certament ghandha titqies bhala erroneja.

Madanakollu, l-intimat ma waqafx biss ghal tali allegazzjoni fiz-zewgt posts illi ghamel - sahaq illi kienet il-villa tar-rikorrent biss illi seta kellha pool u djna kienet b'mod esklussiv.

Tali allegazzjonijiet minn imkien ma jidher illi gew ippruvati mill-intimat tul dina l-kawza, peress illi jirrizulta, mix-xhieda tar-rikorrent, illi hemm aktar minn post wiehed gewwa l-Mdina illi ghandhom pool, u ghalhekk ma huwiex minnu illi kienet id-dar tar-rikorrent biss illi kellha pool.

Illi ghalhekk, id-difiza tal-verita' tal-fatti ossija 'Statement of Facts' ma gietx ippruvata.

**Ikkunsidrat**

Filwaqt illi l-principju tal-liberta' ta' l-espressjoni huwa wiehed mill-principji bazilari ta' kull demokrazija b'sahitha u huwa l-kejl li fuqu jitqies il-progress tas-socjeta demokratika u l-izvilupp taghha fid-dawl tad-drittijiet tal-bniedem, liema principu dina l-Qorti tassikura illi tipprotegi u thaddan ghall-ahjar tac-cittadin, il-liberta' ta' l-espressjoni ma ghandhix tigi abbuzata minnha.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Caruana v. Mifsud**, deciza fl-24 ta' Settembru 2004:

> "*Il-liberta` ta' espressjoni m'hijiex xi licenzja li wiehed ighid li jrid minghajr kontroll. Id-dritt invokat mill-appellant huwa suggett ghal certu kundizzjonijiet. Hekk per ezempju, fil- kaz Bladet Tromso and Stensaas v. Norway (20 ta' Mejju 1999) il-Qorti Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruhha hekk:*
>
> *"Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the article the exercise of this freedom carries with it "duties and "responsibilities", which also apply to the press. These "duties and responsibilities" are liable to assume significance when, as in the present case, there is a question of attacking the reputation of private individuals and undermining the "rights of others"...by reason of "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism.*"

**Ikkunsidrat**

Fil-kaz odjern, jirrizulta ben ipruvat illi l-intimat, fuq il-pagna tieghu tas-sit elettroniku 'Facebook', ghamel allegazjonijiet u asserzjonijiet fil-konfront tar-rikorrent, liema asserzjonijiet ma kienux korretti u li wasslu sabiex jigi vilifikat u mzeblah minn kull minn qara il-'posts' ta' l-intimat fuq fatti u allegazzjonijiet illi ma kienu minnhom xejn.

Illi dana il-fatt ma jistax ma jiqtiesx b'mod negativ minn dina l-Qorti peress illi jidher car illi l-principji tal-liberta ta' l-espressjoni flimkien mal-mod facili kif, illum il-gurnata, persuna tikkummenta b'mod pubblikku dwar kwalsiasi haga permezz tas-siti elettronici, ossija 'social networks', bhalma hija 'Facebook', qed iwasslu sabiex ir-reputazzjoni ta' persuni jitqieghdu ghar-redikolu minghajr ma tali persuna ikollha mod sabiex tirrimedja ghal tali hsara hlief illi tiprpocedi bil-proceduri odjerni.

Dana huwa abbuz kemm tad-drittijiet tal-liberta ta' l-espressjoni kif ukoll tas-socjeta media li qed jipproliferaw fid-dinja ta' llum, liema abbuz dina l-Qorti ghandha tissanjona bil-qawwa bil-mezzi illi hija ghandha a disposizzjoni taghha, u dana qieghed jigi rifless fid-danni illi ser jigu akkordati f'tali decizjoni.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti

Wara ilil semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat

**Tilqa** it-talba attrici u tiddikjara illi l-'posts' illi l-intimat ghamel fuq il-pagna tieghu tas-sit elettroniku 'Facebook' fid 29 u 30 ta' Awissu 2012 u esebiti mal-att promotur bhala Dokumenti A u B kienu libelluzi u malafamati fil-konfront tar-rikorrent u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat ihallas lir-rikorrent, in linea ta' danni a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-somma ta' hamest elef Euro (€5,000).

Spejjez tal-proceduri odjerni kollha kontra l-intimat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------